



EUROPEAN MEDICINES AGENCY  
SCIENCE MEDICINES HEALTH

EMA/448952/2007  
EMA/V/C/000041

## Locatim (*lattoseru kkonċentrat għall-bovini li fih immunoglobulini speċifiċi G kontra E.coli (K99) adhesin*)<sup>1</sup>

Ħarsa ġenerali lejn Locatim u għalfejn huwa awtorizzat fl-UE

### X'inhu Locatim u għal xiex jintuża?

Locatim huwa mediċina veterinarja użata biex tnaqqas l-imwiet fl-għoġġiela tat-twelid ikkawżati minn enterotossikożi minħabba l-batterju *Escherichia coli* matul l-ewwel jiem tal-ħajja. L-enterotossikożi hija marda kkawżata mir-rilaxx ta' tossini fil-ġisem, bis-sintomu ewlieni jkun dijarea.

Fih is-sustanza attiva lattoseru kkonċentrat għall-bovini li fiha immunoglobulini speċifiċi G kontra *E. Coli* F5 (K99) adhesin.

### Kif jintuża Locatim?

Il-mediċina tista' tinkiseb biss b'riċetta ta' tabib.

Locatim huwa soluzzjoni orali prodotta mill-kolostru (l-ewwel ħalib) li tingħata lill-għoġġiela ta' inqas minn 12-il siegħa, preferibbilment fl-ewwel erba' sigħat wara t-twelid, bħala suppliment għall-kolostru naturali li l-għoġġiela jirċievu minn ommhom. Id-doża ta' 60 ml (kunjett wieħed) tista' tingħata waħedha jew maħlula fil-ħalib jew fis-sostitut tal-ħalib.

Għal aktar informazzjoni dwar l-użu ta' Locatim, aqra l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja lill-veterinarju jew lill-ispiżjar tiegħek.

### Kif jaħdem Locatim?

Locatim jaħdem billi jissupplimenta l-proprjetajiet protettivi tal-kolostru normali, l-ewwel ħalib magħmul mill-baqar wara t-twelid, li l-għoġġiela tagħhom jixorbu matul l-ewwel ftit sigħat ta' ħajja. Il-kolostru fih antikorpi li jgħinu fil-protezzjoni tal-għoġġiela kontra ċerti infezzjonijiet. Locatim huwa magħmul mill-kolostru minn baqar li ġew immunizzati kontra l-*E. Coli*, sabiex jipproduċu antikorpi fil-kolostru tagħhom. Il-kolostru jinġabar u jiġi ffiltrat u l-lattoseru (ix-xorrox, il-parti likwida tal-ħalib) jiġi kkonċentrat biex jagħmel Locatim. Billi jipprovdu antikorpi addizzjonali kontra *E. Coli*, l-għoġġiela li jirċievu Locatim jiksibu protezzjoni addizzjonali kontra dan il-batterju. It-teħid naturali tal-kolostru fi

<sup>1</sup> Preċedentement magħruf bħala Serinucoli.



żmien l-ewwel sigħat tal-ħajja jikkawgħuna immunizzazzjoni passiva. Locatim b'hekk jipprovdi protezzjoni addizzjonali kontra l-imwiet minħabba enterotossikożi kkawżata minn *E. coli*.

## **X'inhuma l-benefiċċji ta' Locatim li ħarġu mill-istudji?**

Huwa diffiċli li jiġu interpretati r-riżultati ta' studji bbażati f'dan il-qasam li jħarsu lejn id-dijarea fl-għoġġiela tat-twelid, billi d-dijarea għandha ħafna kawżi u s-severità tal-marda tiddependi minn diversi fatturi li jinkludu, iżda mhux limitati għan-natura u l-virulenza tal-organiżmu / organiżmi li għalih(om) huma esposti l-għoġġiela u l-istandards ġenerali tal-iġjene u t-trobbija fir-razzett.

Fl-istudju bbażat fil-laboratorju, l-għoġġiela li rċevew Locatim kellhom sinjali kliniċi inqas severi ta' dijarea u żmien ta' sopravivenza aħjar minn dawk li ma rċevewhx. Dawn ir-riżultati kienu kkonfermati fi studju bbażat f'dan il-qasam.

## **X'inhuma r-riskji assoċjati ma' Locatim?**

M'hemm ebda effett sekondarju maġġuri b'Locatim.

Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji u r-restrizzjonijiet ta' Locatim, ara l-fuljett ta' tagħrif.

## **X'inhuma l-prekawzjonijiet li jridu jittieħdu mill-persuna li tagħti l-mediċina jew li tiġi f'kuntatt mal-annimal?**

Ma hemm l-ebda prekawzjoni speċjali għal Locatim.

## **X'inhu l-perjodu ta' tiżmim f'annimali li jipproduċu l-ikel?**

Il-perjodu ta' tiżmim huwa ż-żmien li jrid jgħaddi wara l-għoti tal-mediċina qabel ma l-annimal ikun jista' jinqatel u l-laħam tiegħu jintuża għall-konsum mill-bniedem. Il-perjodu ta' tiżmim għal-laħam mill-għoġġiela ikkurati b'Locatim huwa ta' żero jiem.

## **Għaliex Locatim ġie awtorizzat fl-UE?**

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ddeċidiet li l-benefiċċji ta' Locatim huma akbar mir-riskji tiegħu u li jista' jiġi awtorizzat għall-użu fl-UE.

## **Informazzjoni oħra dwar Locatim**

Serinucoli ngħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq valida fl-UE kollha fid-29 ta' Marzu 1999.

L-isem tal-mediċina nbidel għal Locatim fl-14 ta' Settembru 1999.

Aktar informazzjoni dwar Locatim tinstab fis-sit elettroniku tal-Aġenzija:  
[ema.europa.eu/medicines/veterinary/EPAR/locatim-previously-serinucoli](http://ema.europa.eu/medicines/veterinary/EPAR/locatim-previously-serinucoli).

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar f'11-2020.